MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Numru 856/2002

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Guido Agius, iben Carmelo,
imwieled Għaxaq fl-24 ta' ġunju, 1953

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-9 ta' lulju, 2001 u fil-ġranet ta' qabel, u dawk ta' wara, fil-Gudja, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulab'risoluzzjoni waħda –

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel

titwemmen l-eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' Lm3,481.21 b'qerq, bi ħsara ta' Peter u Irene Zammit u diversi persuni oħra;
2. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih, jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' april, 2005 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u illum ma għandha ebda pretensjoni kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' april, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------